**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000136/2018**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 128 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Anja Hazekamp, Stelios Kouloglou, Marisa Matias, Gabriele Zimmer, Lynn Boylan, Merja Kyllönen, Neoklis Sylikiotis, Sabine Lösing, Sofia Sakorafa, Tania González Peñas, Takis Hadjigeorgiou, Younous Omarjee, Stefan Eck, Estefanía Torres Martínez, Helmut Scholz, Maria Lidia Senra Rodríguez, Anne-Marie Mineur, Javier Couso Permuy**
f'isem il-Grupp GUE/NGL
**John Flack, Bart Staes, Keith Taylor, Tilly Metz, Fabio Massimo Castaldo, Maria Noichl, Pascal Durand, Eleonora Evi, Jan Huitema, Gerben-Jan Gerbrandy**

Suġġett: Każijiet ta' ksur serju fit-trasportazzjoni ta' annimali lejn pajjiżi terzi

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport fl-Unjoni Ewropea. Fl-2015, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw ukoll għat-trasport ta' annimali ħajjin mill-UE lejn pajjiż terz, u b'hekk ġiet inkluża l-parti tal-vjaġġ li sseħħ barra l-UE[1].

F'dawn l-aħħar ftit snin, l-NGOs ripetutament ġabru evidenza ta' ksur strutturali serju u rikorrenti matul it-trasport ta' annimali ħajjin ġewwa u barra l-UE. Dawn l-investigazzjonijiet urew b'mod konsistenti każijiet sinifikanti ta' ksur tar-Regolament Nru 1/2005. L-aktar evidenza riċenti wriet li l-annimali ġew trasportati filwaqt li t-temperaturi ta' barra kienu ogħla minn 30 grad, ippakkjati b'mod iffullat fi trakkijiet mingħajr ikel u ilma, f'sitwazzjoni li fiha kienu qed isofru minn stress u eżawriment tas-sħana. Matul it-tagħbija ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem f'Raša, il-Kroazja, barri ittella' mill-ilma, imdendel minn saqajh u mġiegħel jimbarka fuq il-vapur, minkejja li b'mod ċar kien jidher li ma kienx tajjeb biex jiġi trasportat[2].

1. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi evidenza għat-talba li għamlet f'ittra tal-31 ta' Mejju 2018 li "il-livell ta' konformità mar-Regolament dwar it-Trasport żdied fl-aħħar sentejn u li r-rata ta' konformità meta l-annimali jaqsmu l-fruntiera tal-UE hija qrib ħafna ta' 100%", u tista' tispjega d-diskrepanzi bejn dan u l-evidenza tal-biża' mill-NGOs?

2. Il-Kummissjoni taqbel li jekk l-Istati Membri mhumiex f'pożizzjoni li jiggarantixxu li t-trasport ta' annimali ħajjin mill-UE lejn pajjiżi terzi jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2005, l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi għandha tiġi pprojbita?

3. Il-Kummissjoni taqbel li l-portijiet li fihom ġie osservat ksur serju waqt l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin m'għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jirċievu xi finanzjament tal-UE biex ikomplu jew jespandu l-attivitajiet tagħhom?

Imressqa: 29.11.2018
Mgħoddija: 3.12.2018
L-iskadenza għat-tweġiba: 10.12.2018

[1] http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?num=C-424/13#
[2] https://www.zdf.de/politik/frontal-21/qualvolle-tiertransporte-100.html